**327. Il-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar il-kontinwazzjoni tal-Kumitat fuq l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jikkontrolla u jirregola l-impriża tal-assigurazzjoni u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħha jew huma ancillari għaliha" (Abbozz Nru. 182).

A. Illi l-Kontinwazzjoni tad-diskussjoni fil-Kumitat jekk ma tkunx intemmet qabel il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-Seduta tal-lum, it-Tlieta, 26 ta' Mejju, 1981, din id-diskussjoni għandha fil-fatt tintemm f'dak il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol meta ċ-Chairman minnufih iqiegħed il-mistoqsija fuq il-klawżola jew emenda jew skeda li dak il-ħin tkun qegħda tiġi diskussa; u jkompli jqiegħed il-mistoqsija fuq il-klawżoli l-oħra kollha, waħda wara l-oħra, mingħajr emendi jew diskussjoni; iżda Ministru jista' jressaq emendi, klawżoli u skedi godda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawżoli , skedi jew klawżoli u skedi ġodda mingħajr avviz, titqiegħed mingħajr diskussjoni; u

B. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu fil-Kumitat tas-seduta tal-lum, 26 ta' Mejju, 1981, għandhom jittieħdu wara l-mistoqsija fuq it-Titolu tal-Liġi li biha tintemm il-proċedura fil-Kumitat; u li dawn il-votazzjonijiet jittieħdu mmedjatament wara xulxin mingħajr ma jgħaddu l-għoxrin minuta bejn il-ħin li fih terġa' tintalab u l-ħin li fih fil-fatt tittieħed il-votazzjoni; iżda fil-każ tal-ewwel votazzjoni jkun hemm ħin ta' ħames minuti bejn il-ħin li fih tkun reġgħet intalbet il-votazzjoni, u l-ħin li fih fil-fatt tittieħed din il-votazzjoni.

22.05.1981